**26 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo Callus

**Attruppament — Danneġġjament — Valur — Art. 339 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-Kodiċi Kriminali, f'materja ta' danneġġjament, jitkellem fuq ħsara, tħassir jew tagħriq, ta' ħwejjeġ ħadd ieħor; liema lokazzjoni tikkomprendi gradazzjoni mid-distruzzjoni totali għall-iċken dannu. Għaldaqstant ma jistgħax jingħad li l-imputat ma għamelx ħsara fl-oġġett għax dan kien ġa mħassar, jekk hu kompla ħassru, u jekk dak l-oġġett, anki hekk imħassar, xi valur kellu.*

*Hu veru li l-oġġett danneġġjat hemm bżonn li jkollu xi valur; iżda dan il-valur jista' jkun anki ċkejken u residwali, u skond xi awtur jista' jkun ukoll ta' affezzjoni.*

*Imma jekk l-imputat ħa parti f'attruppament intiż biex issir dik il-ħsara, u l-entità tad-danni kaġunati ma tistgħax tiġi stabbilita, l-valur għandu jitqies bħala dak minimu rilevanti għat-termini tal-liġi.*

*L-imputat ikun ħa parti attiva fl-attruppament anki jekk juri aġir li jfisser approvazzjoni tal-aġir tal-folla, u hu jkun jinstab f'dik il-folla volontarjament; anki jekk l-imputat ma kienx dak li oriġina l-fatti li jikkonkretizzaw ir-reat.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat fin-nota tal-Attorney General tat-12 ta' Mejju 1958;

Rat l-attijiet tal-kumpilazzjoni magħmula kontra l-imputat, u ċjoè fuq l-imputazzjoni illi l-Marsa, fit-28 ta' April 1958, volontarjament għamel ħsara fi ħwejjeġ ħadd ieħor li l-valur tal-istess ħsara jeċċedi £100; oltre dan, talli fit-Telgħa tar-Raħal Ġdid ħa parti attiva f'ġemgħa ta' nies ta' iżjed minn għaxra bil-ħsieb li jagħmlu reat, liema reat

fil-fatt sar, u preċiżament (a) attakk u reżistenza lill-Pulizija, persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz publiku, waqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi, (b) tfieħ ta' ġebel u oġġetti oħra iebsa, (ċ) u disturb tal-paċi u l-ordni publiku;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta'-Maġistrati ta' Malta taż-17 ta' Mejju 1958, li biha sabet l-imputat ħati talli *(1) ħa parti attiva f'attruppament kompost minn* aktar minn għaxra bl-iskop li jagħmlu danneġġjament volontarju ta' anqas minn £3, delitt li fil-fatt sar, (2) u talli ħa parti attiva f'attruppament ta' aktar minn għaxra bl-iskop li jimminaċċjaw b'oġġetti iebsa u jagħmlu offiża ta' natura ħafifa u ta' ftit mumenti fuq il-Pulizija waqt li kienu jaqdu d-doveri tagħhom, reat li fil-fatt sar; u kkundannatu għall-priġunerija għal żmien tliet xhur; u dan wara li ħadet in konsiderazzjoni ż-żmien li l-imputat kien jinsab taħt arrest. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi mill-konfessjoni li għamel l-imputat, u mix-xhieda tiegħu, jirriżulta li fit-28 ta' April 1958 huwa ngħaqad ma' ġemgħa ta' xi ħamsin minn nies u għenhom biex jaqilbu "land-rover", li qabel ma l-imputat wasal fuq il-post kienet diġà ġiet maħruqa; di pjù, huwa qala' mil-"land-rover" ħadida, li rema';

Id-difiża ssottomettiet illi l-"land-rover" kienet diġà maħruqa u distrutta totalment, u għalhekk, fil-parti li ħa l-imputat ma setgħetx tiġi danneġġjata. Fil-fatt irriżulta illi dik il-"land-rover" ġiet maqluba mill-folla;

Illi, kwantu għad-danneġġjament, l-art. 339 tal-Kodiċi Kriminali jitkellem fuq "any waste, damage, or deterioration". Dawn il-kliem, skond l-awturi, jikkomprendu gradazzjoni mid-distruzzjoni totali għall-iċken dannu li, skond il-Crivellari (Vol. VIII, p. 355), "trova applicazione anche un leggiero pregudizio che si sia riuscito a produrre". Hu veru li l oġġett danneġġjat hemm bżonn li jkollu xi valur, iżda dan il-valur jista' jkun anki ċkejken u residwali; anzi

skond l-istess awtur, jista' jkun anki ta' sempliċi affezzjoni;

Issa, ma jistgħax jingħad illi dik il-"land-rover", anki maħruqa kif kienet, ma kellha ebda valur; għaliex huwa ntuwittiv li xi valur, anki żgħir, kellha. Issa, skond il-liġi. id-dannu jista' jikkonsisti f'sempliċi "deterioramento"; u tabilħaqq, il-fatt li dik il-karrozza nqalbet ma setgħax ma jirrendijhiex deterjuri. Inoltre, hemm il-fatt li l-imputat qala' ħadida minn *dik il-karrozza u rmiha; dana l-att waħdu* jintegra d-deterjorament, għaliex huwa evidenti illi l-istat, anki pessimu, tal-karrozza jsir deterjuri meta minnha tinqala' anki parti minima. Fix-xhieda tiegħu, l-imputat ipprova juri li huwa ta bis-sieq lill-"land-rover" għax kien hemm xi fotografu li qallu "hit it", biex jeħodlu r-ritratt. Però, apparti li din iċ-ċirkustanza ma semmijhiex meta nterrogatu l-Pulizija, fuq domanda tal-Qorti huwa xehed li dawk id-daqqiet ta' sieq kienu ntiżi biex jaqilbu l-karrozza, u mhux sempliċement u unikament biex jippoża għar-ritratt;

Għalhekk l-imputat ħa parti attiva f'attruppament illegali, intiż biex jiddanneġġja dik il-"land-rover"; u billi l-entità tad-dannu ma setgħetx tiġi stabbilita, iżda xi dannu żgur sar, il-valur għandu jitqies bħala dak minimu rilevanti għat-termini tal-liġi;

Illi, għar-rigward tar-reat l-ieħor, jirriżulta illi l-imputat, wara xi *għoxrin minuta* tal-fatti fuq esposti, meta ra l-Pulizija ġejja, telaq jiġri mal-istess folla għat-Telgħa tar-Raħal Ġdid. u meta l-Pulizija bdiet tinsegwihom, dik il-folla bdiet tixħet il-ġebel lill-Pulizija; u jirriżulta illi bit-tfiegħ tal-ġebel ġie offiż P.C. Anthony Catania. L-imputat qal li huwa ma ħax parti fit-tfiegħ tal-ġebel. Però, jirriżulta mix-xhieda tal-imputat li huwa mhux biss kien mal-folla. iżda refa' xi ġebel "biex jiddefendi ruħu mill-Pulizija u minn xi pajżani". Dan il-kliem huwa sinifikattiv, u juri li l-imputat kellu l-ħsieb li għall-okkorrenza juża dawk il-ġebel *ukoll kontra l-Pulizija, li dak il-ħin kienet qegħedha* taqdi d-doveri tagħha. u minħabba f'daqshekk. Dan juri l-approvazzjoni tal-aġir tal-folla li fiha kien qiegħed l-im-

putat, u li nstab fiha volontarjament; u għalhekk tirriżulta biżżejjed il-parteċipazzjoni attiva tiegħu;

Illi, kwantu għar-reati taħt l-art. 353(1) (b) u 352(bb) tal-Kodiċi Kriminali, dawn jibqgħu assorbiti fir-reati l-oħra; għax kommessi bl-istess fatti u fl-istess kontest;

Rat ir-rikors tal-imputat li bih dan appella, u talab li s-sentenza appellata tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dan l-appell ma jistgħax jirnexxi; għax l-imputazzjonijiet jinsabu ampjament pruvati, mhux biss mill-provi mismugħa, imma anki massimament mill-konfessjoni bil-miktub li għamel l-imputat (ara ż-żewġ statements tiegħu fol. 7 u 8 u fol. 11), u anki mill-fotografiji eżibiti, li fihom l-imputat, fli "statements" li għamel, identifika lilu nnifsu, u fejn jidher qiegħed jikkommetti l-attijiet lilu addebitati;

Intqal, għar-rigward tal-ewwel imputazzjoni, illi ma kienx hemm dannu apprezzabbli. Intant jirriżulta li l-imputat assista vigorożament lill-folla (kif juru r-ritratti u kif hu stess ammetta) biex jaqilbu l-"land-rover" tal-militar, sabiex ikaxkruha u mbgħad jitfugħa l-baħar. Anki jekk, sakemm kien hemm hu, il-karrozza kienet għadha l-art, hu kien jaf tajjeb għalfejn kienet qegħdha tinqaleb. Hu qal, difatti...... Hu qala' anki mill-"land-rover" il-ħadida li jidher qiegħed jaqla' fil-fotografija dok. G. Il-Maġistrat beninjament akkorda lill-imputat il-vantaġġ tal-minimum tad-danni. Fil-fatt il-karrozza qabel ma ġiet manomessa mill-folla, kienet tiswa £477, u wara li ġiet danneġġjata u mitfugħa l-baħar saret biss va'utabbli bħala "srap metal" fis-somma ta' £10 — ħsara, għalhekk ta' aktar minn £450. Intant l-imputat, għar-raġunijiet indikati mill-maġistrat, ġie ritenut responsabbli biss ta' dannu anqas minn £3; u għalhekk ma jidherx li hemm lok għal ebda lment fuq daqshekk;

Ikkunsidrat;

Lanqas jista' jiġi dubitat li r-reità tiegħu għar-rigward tat-tieni imputazzjoni hi pjenament sostnuta. Li "statement" tiegħu u r-ritratt Dok. D, fejn hu identifika lilu nnifsu, huma prova luminuża ta' daqshekk. Hu stess qal li refa' ġebla...... Il-ġebel, għalhekk, ma kienx għall-pajżani, u ma setgħax kien ħlief għall-Pulizija;

Ikkunsidrat;

Id-difiża donnha riedet issostni li l-imputat ma oriġinax hu dawn il-fatti, imma ħa parti biss wara li kienu ġa bdew. A propożitu, wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh l-insenjament tal-Bishop, Criminal Law, Vol. II, paġ. 1102 (dan kien wieħed mill-awturi li kellhom quddiemhom il-kompilaturi tal-Kod. Krim. Malti fir-redazzjoni ta' dawn l-artikoli dwar attruppament, assemblea illegali, eċċ.) fis-sens segwenti:— "Also it seems to be certain that if a person, seeing others actually engaged in a riot, do join himself unto them, and assist them therein, he is as much a rioter as if he had at first assembled with them for the same purpose; in as much as he has no pretence that he came innocently into the company, but appears to have joined himself unto them with an intention to second them in the execution of their unlawful enterprise; and it would be endless, as well as superfluous, to examine whether every particular person engaged in a riot was in truth one of the first assembly, or actually had a previous knowledge of the design thereof";

Kwantu għall-piena, ma jidher li hemm ebda raġuni, biex din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Maġistrat fil-qies tal-piena;

Għalhekk tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Fl-espjazzjoni tal-piena għandu jiġi konteġġjat il-perijodu tal-arrest preventiv mis-sentenza appellata l-hawn.